






# Kun af x'inti tiekol!

## Regoli ġodda dwar it-tikketti fuq il-prodotti tal-ikel

Fi ftit snin oħra, il-prodotti tal-ikel se jkollhom tabelli aktar ċari dwar l-ammonti tal-enerġija, ix-xaħmijiet, il-karboidrati, iz-zokkor, il-proteini u l-melħ li fihom.

Dan ġie deċiż bi qbil bejn il-Parlament u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi sforz biex il-konsumaturi jagħmlu deċiżjonijiet iktar infurmati dwar l-ikel li jixtru. Il-Kummissarju għas-Saħħa u l-Konsumaturi, John Dalli, fil-bidu tal-ħidma tiegħu kien saħaq li hu kellu jaħdem biex, filwaqt li l-konsumaturi jieklu dak li jixtiequ, huma jagħmlu dan b'għajnejhom miftuħa dwar x'fih l-ikel li jixtru.

Bir-regoli l-ġodda, it-tikketti għandhom bilfors ikunu stampati b'tipa kbira biżżejjed biex l-informazzjoni tinqara b'faċilità u tinkludi dettalji ċari dwar:

- in-nutrimenti fil-prodotti;
- is-sustanzi li jistgħu jikkawżaw xi allerġija. Din l-informazzjoni trid tingħata kemm fuq il-prodotti ppakkjati, dawk li mhumiex, kif ukoll għall-ikel tar-ristoranti.
- il-pajjiż ta' oriġini tal-prodott, b'mod partikolari l-laħam.

Dawn ir-regoli għandhom jiggarantixxu li l-konsumaturi ma jkunux imqarrqa fl-informazzjoni li tingħatalhom. Prodotti imitati se jkunu jistgħu jingħarfu iktar malajr b'indikazzjoni ċara fil-faċċata tal-pakketti,ħdejn l-isem tad-ditta. Dan jgħodd, pereżempju, għall-prodotti magħmulin minn tipi differenti ta' laħam jew ħut; jew għall-prodotti tal-ġobon magħmulin mill-ħxejjex.

Regoli oħra li ma ntlaħaqx qbil dwarhom imma li se jibqgħu jiġu diskussi huma regoli biex it-tabelli ta' informazzjoni jkunu fuq quddiem tal-prodotti, u biex dawn ir-regoli jibdew japplikaw ukoll għax-xorb alkoħoliku.

---

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112
2200 3300
info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt